16 ta' Ġunju 2014
61/2014

**MESSAĠĠ TA' FR CHARLES TABONE O.P. (DELEGAT TAL-ARĊISQOF)**

**FL-OKKAŻJONI TAL-JUM DINJI TAL-KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI**

Ma nistax nimmaġinani ngħix f'soċjetà fejn ma jkunx hemm distinzjoni ċara bejn Knisja u Stat, hekk li t-tnejn igawdu l-awtonomija rispettiva tagħhom. Biex l-istat ikun jista' jilħaq l-għan tiegħu li jiggarantixxi l-ġid komuni, irid ikun ħieles minn kull indħil konfessjonali. Dan ifisser li l-Istat ma għandux ikun subordinat għal xi twemmin reliġjuż, ikun ta' liema forma jkun. Imma lanqas ma jfisser li jkun kontra kull forma ta' twemmin reliġjuż. Min-naħa l-oħra, istituzzjoni reliġjuża għandha tkun ħielsa li tgħallem u ssemma' leħinha fejn ikun meħtieġ għall-ħarsien tal-ġid komuni. Huwa għaqli li l-Istat, filwaqt li jżomm l-awtonomija tiegħu, jikkollabora ma' kull istituzzjoni oħra fil-pajjiż, fosthom dik reliġjuża, li għandha l-għan li tħares il-ġid komuni.

Fid-dawl tal-insistenza li qed issir mill-opinjoni pubblika, li s-soċjetà tagħna għandha tkun sekulari, ħaġa li naqbel magħha jien ukoll, inħoss li jkun għaqli li jkollna ċar x'qed nifhmu.

Is-sekularizzazzjoni hi proċess naturali li ħafna soċjetajiet għaddew jew għaddejjin minnu. Is-sekularizzazzjoni tfisser li s-soċjetà tkun awtonoma, u għalhekk it-tifsira li tagħti lir-realtajiet ta' madwarha ma tkunx neċessarjament marbuta ma' xi twemmin reliġjuż. L-awtonomija tfisser li meta niġu biex nifhmu u nispjegaw dak li jiġri madwarna, nfittxu valuri li joħorġu mill-istess realtà, mingħajr ma jkun hemm għalfejn nagħmlu riferenza għal xi awtorità biex niġġustifikaw dak li jkun qed jiġri jew dak li nkunu għaddejjin minnu.

Biex nagħti eżempju, kulħadd jifhem il-valur tal-ħajja, għax dan joħroġ mis-sbuħija tagħha stess. Tista' tasal biex tifhem il-kruha tal-abort mill-fatt li dan imur direttament kontra l-ħajja ta' persuna li għandha dritt tgħix bħalma għandu kulħadd. M'hemmx għalfejn tagħmel riferenza għat-twemmin reliġjuż, li fil-każ tar-Reliġjon Kattolika jgħidlek li l-ħajja hi ħolqien t'Alla u għalhekk ħadd ma jista' jiddisponi minnha. Imma min-naħa l-oħra, r-riferenza għat-twemmin reliġjuż, fost dawk li jemmnu, issaħħaħ dan il-valur għall-ġid komuni.

Biex inkunu sekulari ma nistgħux nillimitaw ruħna għat-tifsira li toħroġ mit-twemmin reliġjuż, imma għandna nħaddmu r-raġuni tagħna biex nifhmu dak li jkun qed jiġri. Bl-istess mod, ma nkunux sekulari jekk nillimitaw ruħna għat-twemmin politiku tagħna. Jekk xi ħadd jgħid li ma

jaqbilx mal-abort għax il-kap tal-partit politiku tiegħu qal li l-abort hu ħażin, mingħajr ma jipprova jifhem għaliex, ma jkunx sekulari. Bl-istess mod, ma jkunx sekulari min jgħid li ma jaqbilx mal-abort għax il-Knisja ma tridux, u jieqaf hemm.

Is-sekulariżmu jseħħ meta f'soċjetà tiġi maħnuqa kull riferenza għat-tifsira reliġjuża. Dan jista' jseħħ direttament jew indirettament, bid-deher jew bil-moħbi. Is-sekulariżmu jkun dirett meta f'soċjetà ma jkunx hemm libertà reliġjuża, b'tali mod li jkun projbit u saħansitra llegali li tesprimi t-twemmin reliġjuż tiegħek, bħalma ġara fil-pajjiżi komunisti. Is-sekulariżmu jista' jseħħ ukoll b'mod indirett, meta kull darba li xi ħadd jitkellem f'isem ir-reliġjon li jħaddan jiġi sistematikament attakkat u rredikolat, jiġifieri jsir dak li nsejħulu assassinju tal-karattru, biex ma jibqax jitwemmen. Is-sekulariżmu jiġri wkoll meta għalkemm l-istituzzjoni reliġjuża titħalla ssemma' leħinha u tesprimi l-opinjoni tagħha fuq dak li jkun għaddej fil-pajjiż, tiġi kontinwament ikkritikata, jew issir allużjoni għad-difetti jew id-dnubiet tagħha, b'tali mod li titwaqqa' jew tispiċċa l-kredibilità tagħha.

Soċjetà sekulari ma teskludix li jkun hemm kollaborazzjoni bejn l-Istat u l-Knisja ladarba t-tnejn għandhom il-għan li jfittxu u jassiguraw il-ġid komuni tal-persuni li filwaqt li huma membri tal-Istat, jistgħu jkunu wkoll membri tal-Knisja.